Is-Swieqi
LOCAL COUNCIL

**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SWIEQI**

**IS-SITT KUNSILL 2012 - 2015**

**SEDUTA NUMRU 18**

**L-ERBGĦA 8 TA' MEJJU 2013 FL-UFFIĊĊJU AMMINISTRATTIV TAL-KUNSILL FIL-17.00**

**PREŻENTI:**

**Is-Sinjuri:**

| | |
|---|---|
| NOEL MUSCAT | SINDKU |
| DR. JUSTIN FENECH | VICI –SINDKU |
| MARY ANNE ABELA | KUNSILLIER |
| ALEXANDER CHETCUTI | KUNSILLIER |
| PAUL FENECH | KUNSILLIER |
| ALFRED CURMI | KUNSILLIER |
| CARMEN SAID | KUNSILLIER |

Il-Kunsillieri R.Rossignaud u M. Fava kienu skużati minħabba raġunijiet ta' mard.

**TALBA**

IS- SINDKU QAL IT-TALBA.

## I APPROVAZZJONI TAL-MNUTI

1. Il-Minuti tas-Seduti Nru. 15,16 u 17 ġew approvati hekk kif emendati.

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

Mill-Viċi Sindku

1. Huwa nforma li Triq il-Kwartin u Triq ir-Ratal huma lesti mix-xogħlijiet tat-tarmak.

2. Il-Viċi Sindku nforma li fi toroq msemmija, Triq il-Kwartin, Triq FX Ebejer u Triq V.Menville saru diversi *road markings*.

3. Rigward it-Tennis Court, il-Kunsill ġie nfurmat lil MEPA approvat xi emmendi li kienu saru dwar dan il-proġett. Il-Viċi Sindku nforma li se jipprova jikseb iktar nformazzjoni dwar l-Urban Improvement Funds. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma li huwa għal darbtejn konsekuttivi pprova jagħmel laqgħa ma' dan il-Bord pero' dan għadu ma ġiex mwaqqaf. Il-Kunsillier M. Abela ħadet l-inkarigu li tieħu ħsieb dan il-proġett.

4. Huwa nforma li wara diversi *reminders* lill-Kuntrattur, il- *bring-in-sites* li kienu fi Triq it-Terz ġew mressqagħal Triq il-Qasam. F' dawn l-aħħar jiem, il-Kunsill irċieva diversi lmenti dwar il-pożizzjoni ta' dawn il-*bring in sites.* Il-Viċi Sindku insista li huwa ferm importanti li jkun hemm kuntatt kontinwu ma' residenti qabel ma jittieħdu ċertu deċiżjonijiet. Dwar din il-materja sar qbil unanimu li s-Sindku flimkien mal-Viċi Sindku u l-Kunsillier A. Chetcuti jiltaqgħu mar-residenti taż-żona. Din il-laqgħa se ssir nhar il-Ħamis 16 ta' Mejju 2013 fis-6.30pm.

## III KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

1. Is-Sindku nforma li għal darb' oħra se ssir Swieqi & Pembroke Road Race. Huwa rrakomonda li dawn għandhom jingħataw l-għajnuna bħal snin li għaddew.

2. Huwa nforma li fl-10 ta' April 2013 fl-uffiċini tal-Kunsill saret laqgħa ma' l-Onor. Minstru J. Mizzi fejn ġew diskussi diversi suġġetti dwar il-problema ta' transport pubbliku u traffiku fil-lokalita' tagħna. Il-Ministru nforma li dawn is-suġġetti kollha qed jiġu studjati bir-reqqa mid-Dipartimenti u Ministeru kkonċernat. Is-Sindku ppreżenta rapport ddetaljat dwar il-proġetti pjanati għall-lokalita tagħna. Dan ir-rapport se jkun mehmuż ma' dawn il-Minuti. (App. A)

3. Il-Kunsill ġie nfurmat ukoll li fit-12 ta' April 2013 saret laqgħa ma' l-Assistent Kummissarju, Supretendent u l-Ispettur fl-Għassa tal-Pulizija tas-Sliema. Matul din il-laqgħa ġew diskussi diversi suġġetti fosthom l-atti vandali fuq il-karozzi tar-residenti li saru dan l-aħħar u biex issir iktar sorveljanza. L-Assistent Kummissarju wiegħed li se jiżdiedu l-*patrols* fil-lokalita' l-aktar lejn tmiem il-ġimgħa.( Beat Patrol).

**HUGH ZAMMIT** — **NOEL MUSCAT**
**SEGRETRAJU EŻEKUTTIV** — **SINDKU**

## III KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU – ikompli

4. Fis- 17 ta' April 2013 saret laqgħa ma' l-Onor. H. Herrera' fl-uffiċini tiegħu. Din il-laqgħa kienet ferm interessanti u fiha ġew diskussi suġġetti diversi fosthom il-bini l-ġdid taċ-Ċentru Ċiviku, l-għassa tal-Pulizija fil-lokalita' u d-devoluzzjoni tal-Medical Stores f' tas-Stronka, il-Madliena. Is-Segretarju Parlamemtaru wiegħed l-għajnuna tiegħu f' dan ir-rigward. Matul din il-laqgħa, il-Kunsill ġie nfurmat bil-possibilta li jitwaqqaf Ċentru Reġjonali għall-Arti u l-Kultura.

5. Huwa nforma li saret laqgħa ma' residenti dwar l-iżvillup propost ta' l-ex lukanda Forum fi Triq Sant Andrija. F' din il-laqgħa ġie spejgat b' mod ċar fiex jikkonsisiti dan il-proġett. Diversi residenti li kienu preżenti għal din il-laqgħa taw is-suġġerimenti tagħhom. Huwa ssostna li dawn is-suġġerimenti se jiġu kkonsiderati mill-MEPA. Is-Sindku nforma li huwa attenda għas-seduta li saret fl-uffiċini tal-MEPA fil-Furjana nhar il-Ħamis 25 ta' April 2013 dwar dan il-proġett.

6. Is- Sindku nforma ukoll li fid-19 ta' April 2013 saret laqgħa ma' residenti ta' Triq il-Qasam. Matul din il-laqgħa, r-residenti ingħataw l-opportunita' li jkunu jafu fid-dettal ta' fiex wasal il-proċess sabiex eventwalment tinbeda' ir-rikostruzzjoni ta' din it-triq. Għal din il-laqgħa kiem hemm preżenti wkoll il-Kuntrattur responsabbli minn dawn ix-xogħlijiet kif ukoll il-Perit tal-Kunsill. Is- Sindku ssostna li r-residenti jinsabu ferm ikkoċernati minħabba li meta tkun ħafna xita l-ilma jżomm f' żona partikolari. Il-Viċi Sindku nforma li huwa ċċekja mal-Perit tal-Kunsill u ġie nfurmat li l-istima għall-culverts u l-*catchement area* f'din it-triq ser jiswew €75,000 u €58,000 rispettivament.
   Il-Kunsill ġie nfurmat li sfortunatament ma hemmx fondi biżżejjed biex jitħallsu dawn l-ispiżi. Wara li l-Kunsill iddiskuta din il-materja, ġie deċiż b' mod unanimu li ssir applikazzjoni għall-fondi qabel ma tibda' l-kostruzzjoni. Rigward id-disin propost peress li l-ispiża hija waħda minima, ġie deċiż li l-Kunsill japplika għal UIF Funding.

7. Il-Kunsill ġie nfurmat li nhar il-25 ta' April 2013, is-Sindku kien mistieden fuq il-programm TVAM sabiex jiddiskuti dwar il-problemi li hemm fit-Triq il-Keffa kif ukoll il-problemi inġenerali li l-Kunsill jiltaqa' magħhom f' din il-lokalita'.

8. Rigward Triq il-Keffa, huwa nforma li hemm bżonn jsiru xi tiswijiet żgħar bit-tarmak immedjatament. Is-Segretraju Eżeluttiv ħa l-inakrigu li jinforma l-Kuntrattur.

9. Is-Sindku nforma li ġew irrapurtati sejba ta' seringi fi Triq tal-Franċiż. Dan l-abbuż serju ġie rrapurtat li l-Pulizija tad-Distrett kif ukoll it-Taqsima ta' kontra d-drogi.

*Is-Sindku ppreżenta rapport idettaljat tal-ħidma tiegħu. Dan ir-rapport jinsab aness ma' dawn il-Minuti ( App. B).*

**HUGH ZAMMIT** **NOEL MUSCAT**
**SEGRETRAJU EŻEKUTTIV** **SINDKU**

## IV RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI

Mill-Viċi Sindku

1. Il-Viċi Sindku nforma li dwar il-Kampanja *Love your dog; respect your neighbour* se tkun *launched* daqt fil-jiem li ġejjin. Din il-kampanja se tkun tinkludi installazjoni ta' aktar *doggy bins,* jingħataw b'xejn boroż biex jinġabar il-ħmieġ tal-klieb fihom lil kull resident li jirreġistra, jsiru attivitajiet għal familja kollha. Huwa nforma li fil-futur qarib ( fil-bidu ta' Ġunju) se tingħata konferenza stampa lill-ġurnalisti kollha.

2. Huwa nforma li fl-aħħar Laqgħa tar-Reġjum tat-Tramuntana ġie propost li siegħat tal-gwardjani lokali fil-lokalita' tagħna se jiżdiedu għal 4 siegħat kuljum minn sagħtejn. Dwar din il-materja' huwa ltaqa' mas-Sur Borg Caruana ( uffiċċjal inkarigat mill-LES) u mal-Kunsillier R. Rossignaud fejn iddiskutew din il-proposta. Waqt din il-laqgħa,il-Viċi Sindku ssostna li l-Kunsill m'huwiex dasqtant kuntent bil-mod kif il-Gwardjani Lokali qed jaħdmu fuq problemi tat-traffiku fis-Swieqi. Huwa nforma wkoll li iltaqa' mas-Sindku ta' Pembroke, fejn ġie nfurmat li dan ukoll ma jaqbilx ma' din id-deċiżjoni peress li anke hu ma tantx jinsab kuntent bis-servizz ta' l-istess Gwardjani Lokali. Kien hemm qbil unanimu li ttieħed deċiżjoni fil-laqgħa li jmiss.

3. Dwar l-iżvillup propost ta' l-ex Forum Hotel, il-Kunsill ġie nfurmat li l-Viċi Sindku, l-Kunsillier M. Abela u s-Sindku attendew għal-laqgħa li saret fl-uffiċini tal-MEPA. Huwa informa li flimkien ssostnew il-punti li tqajjmu mir-residenti, b'mof partikolari il-kwistjoni ta' l-Impact Assesment. Il-Kunsill ġie nfurmat li l-permess ingħata bil-kundizzjoni li jiġu mplimentati ċertu kundizzjonijiet. Minnbarra hekk il-Kunsill se jkun qiegħed f'konsultazzjoni kontinwa fejn se jiġu diskussi suġġetti bħal Traffic Managment Plan, Development Plan u l-pjan ta' żvillup tal-pjazza fi Triq l-Uqija. Il-Kunsill ġie nfurmat li l-Kontribuzzjoni Lokali se tiżdied għal €50,000 minn €30,000 wara presjoni li saret mill-Kunsill. Il-Viċi Sindku ssostna li la issa l-iżvillup se jiġi mplimentat, il-Kunsill irrid jaħdem bi sħiħ biex ir-residenti ma jsoffrux inkonvenjenti kbar.

4. Huwa nforma li kellu laqgħa ma' l-organizzazzjoni "Noise Abatement Society". Din il-laqgħa saret ma' Sur John Fenech. F' din il-laqgħa ġie spjegat kif jista' jitnaqqas in- *noise pollution*. Huwa talab l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex jkun jista' jiprepara pjan dwar din il-materja. Il-Kunsill qabel unanimament.

5. Il-Viċi Sindlku staqsa sabiex issir laqgħa mas-sidien tal-ħwienet kollha li hemm fi Triq l-Uqija u Triq l-Ibraġ. Is-Sindku ħa l-inkarigu li jinforma lil dawn is-sidien dwar din il-laqgħa. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma li flimkien mas-Sindku huwa se jinforma lil dawn is-sidien b' notifika uffiċjali mill-Kunsill.

**HUGH ZAMMIT** — **NOEL MUSCAT**
**SEGRETRAJU EŻEKUTTIV** — **SINDKU**

**IV RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI**

Mill-Viċi Sindku –ikompli

6. Il- Viċi Sindku ssuġerixxa li tinbidel is-sistema ta' kif jinħarġu t-*tenders*. Huwa rrakomanda li jitwaqqaf Kumitat li jkun magħmul minn persuni kompitenti sabiex jieħu ħsieb l-proċess ta' kull *tender* li tinħareġ. Il-Kunsill unanimamet qabel ma' din il-proposta. Huwa ħa l-inkarigu li jipprepara proċedura formali li dan il-Kumitat irrid jsegwi.

7. Il-Viċi Sindku ħa l-inkarigu li meta jiġi stabbilit l-bord tal-UIF, huwa se jiltaqa' magħhom sabiex jiġi diskuss kif se jintużaw il-fondi li hemm allokati.

8. Huwa nforma li r-resident Mark S. Stephenson bgħat email b' xi xogħlijiet ta' manutenzzjoni li jsiru hjsir f' toroq partikulari. Il-Viċi Sindku rringrazzja li dan ir-resident ta' l-interess u l-kooperazzjoni tiegħu. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa l-inakrigu li jinforma lill-ħaddiem tal-Kunsill sabiex dawn ix-xogħlijiet issiru mill-aktar fis.

Il-Viċi Sindku talab sabiex jiġ skużat minħabba mpenji importanti oħra. Il-Ħin kien is-7:20pm.

Mill-Kunsillier A. Chetcuti

1. Il-Kunsillier informa li huwa ltaqa' mas-Sur J. Piscopo, uffiċjal tat-Transport Malta dwar il-karozzi bi' pjanċi ta' reġistrazzjoni barranin. Huwa ssuġerixxa li tinkiteb ittra uffiċċjali lis-Sur Piscopo sabiex il-Kunsill jkun jista' jiltaqa' miegħu ħalli jiġi diskuss fid-dettal dan is-suġġett. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa l-inakrigu li jibgħat din l-ittra.

2. Huwa nforma li fi triq arterjali ( St. Andrews Road) hemm bżonn li jsir xi żbir tas-siġar. Is- Segretarju Eżekuttiv ħa l-inkarigu li jinforma lit-Transport Malta.

3. Il-Kunsill ġie nfurmat li huwa kellu kuntatti u laqgħa mal-Kuntrattur il-ġdid tal-Knis. F' din il-laqgħa ġew diskussi x-xogħlijiet rikjesti. Il-Kuntrattur staqsa sabiex jingħatalu l programm ta' kif kien jsir it-tindif mill-Kuntrattur preċidenti.

4. Il-Kunsillier nforma li hu kellu kuntatti mas-Sindku ta' Pembroke dwar parking space fil-lokalita' teigħu. B' din is-sistema titnaqqas ħafna il-problema ta' parkeġġ fis-Swieqi l-aktar lejn tmiem il-ġimgħa.

Mill-Kunsillier A. Chetcuti – ikompli

5. Huwa ssuġerixxa li għandhom jinxtraw *ashtrays* addatatti sabiex jitpoġġew qabel l-entratura ta' stabbilimenti eżempju *supermarkets*. Il-Kunsillier se jindaga dwar kumpaniji li jistuplixxu dan l-apparat.

6. Il-Kunsillier staqsa għar-rifreskar taż-żebgħa taz- *Zebra Crossing* ta' quddiem il-Knisja fi Triq l-Ibraġ.

7. Huwa staqsa wkoll fiex waslu l-permessi tax-xogħlijiet tar-resurafcing tat-Triq il-Qasam. Huwa ġie nfurmat li l-Kuntrattur diġa' għamel l-applikazzjonijiet meħtieġa ma' l-Awtoritajiet kkonċernati.

Mill-Kunsillier P. Fenech

1. Il-Kunsillier preżenta rapport idettaljat sabiex jiġi aness ma' daw il-Minuti. (App. C).

## V APPROVAZZJONI TA' PAGAMENTI U XIRI IEĦOR

1. Il-pagamenti kollha li dehra fuq l-iskeda nru.60 ġew approvati wara li ssir kjarifikazzjoni mill-Kunsillier A. Curmi tal-punti li semmew fl-email tiegħu datat 8 ta'Mejju 2013.

**HUGH ZAMMIT** **NOEL MUSCAT**
**SEGRETRAJU EŻEKUTTIV** **SINDKU**